



23.6.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda
kontriha minn partijiet terzi
(2016/2030(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Bogdan Andrzej Zdrojewski

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi fl-Unjoni t-terminu "propaganda" huwa normalment mifhum li jfisser it-tixrid ta' ideat, kunċetti, informazzjoni u duttrini politiċi għall-fini li tinħoloq jew tinbidel l-opinjoni pubblika, u t-terminu "diżinformazzjoni" huwa ġeneralment mifhum li jfisser it-tixrid apposta ta' informazzjoni li tkun intenzjonalment falza jew mhux korretta;
- B. billi l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jiżgura l-libertà ta' espressjoni iżda jistipula wkoll li din il-libertà tista' tkun soġġetta għal tali formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penalitajiet kif inhuma preskritti mil-liġi u kif huma meħtieġa f'soċjetà demokratika;
- C. billi l-propaganda għall-gwerra u kwalunkwe promozzjoni ta' mibegħda nazzjonali, razzjali jew reliġjuża li tikkostitwixxi inċitament għad-diskriminazzjoni, l-ostilità jew il-vjolenza għandhom ikunu pprojbiti bil-liġi skont l-Artikolu 20 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;
- D. billi l-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiddisponi li kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni u li dan id-dritt għandu jinkludi l-libertà li wieħed ikollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indhfil mill-awtorità pubblika u irrispettivament mill-fruntieri;
 1. Jinnota li d-diżinformazzjoni u l-propaganda jagħmlu parti mill-gwerra ibrida; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li titqajjem kuxjenza u tintwera assertività permezz tal-komunikazzjoni istituzzjonali/politika, ir-riċerka tal-gruppi ta' riflessjoni/l-akkademiċi, kampanji tal-midja soċjali, inizzjattivi tas-soċjetà ċivili, il-litteriżmu medjatiku u azzjonijiet utli oħra;
 2. Jenfasizza li l-istrateġija ta' propaganda u ta' diżinformazzjoni kontra l-Unjoni Ewropea minn pajjiżi terzi tista' tiegħu diversi forom u tinvolvi, b'mod partikolari, il-midja tradizzjonali, in-netwerks soċjali, il-programmi tal-iskola u l-partiti politiċi, kemm jekk fl-Unjoni Ewropea kif ukoll barra minnha;
 3. Jinsisti fuq id-differenza bejn propaganda u kritika;
 4. Jenfasizza li filwaqt li mhux il-kritika kollha tal-Unjoni Ewropea jew il-politiki tagħha neċessarjament tikkostitwixxi propaganda jew diżinformazzjoni, partikolarment meta din issir fil-kuntest tal-espressjoni politika, każijiet ta' manipolazzjoni jew appoġġ marbuta ma' pajjiżi terzi u intenzjonati biex jagħtu n-nar jew jaggravaw lil din il-kritika jagħtu l-għala wieħed jiddubita l-affidabbiltà ta' dawn il-messaġġi;
 5. Jenfasizza li filwaqt li wieħed għandu jieħu pożizzjoni kontra l-propaganda u d-dizinformazzjonji ta' kontra l-Unjoni Ewropea minn pajjiżi terzi, dan ma għandux jiffa' fid-dubju l-importanza li jinżammu relazzjonijiet kostruttivi mal-pajjiżi terzi u l-importanza li dawn isiru sħab strateġiċi fl-indirizzar determinat tal-isfidi komuni;

6. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Komunikazzjoni Strateġika u l-istabbiliment tat-Tim StratCom tal-Lvant fi ħdan is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) bil-għan li jikkomunikaw il-politiki tal-UE u jiġġieldu l-propaganda u d-diżinformazzjoni kontra l-UE; jappella biex il-komunikazzjoni strateġika tiżdied aktar; jemmen li l-effiċjenza u t-trasparenza tal-ħidma tat-Tim StratCom tal-Lvant jeħtieġ li jittejjbu aktar; jistieden lis-SEAE jiżviluppa kriterji għat-tikwil tal-effiċjenza tal-ħidma tiegħu; jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati finanzjament suffiċjenti u persunal adegwat għat-tim;
7. Jinnota li d-*Disinformation Review* (Rivista tad-Diżinformazzjoni) ppubblikata mit-Task Force tal-iStratCom tal-Lvant trid tissodisfa l-istandards li tidisponi għalihom id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ġurnalisti (IFJ) dwar l-Imġiba tal-Ġurnalisti; jenfasizza li din ir-Rivista għandha tiġi mfasla b'mod xieraq, mingħajr l-użu ta' lingwaġġ offensiv jew ġudizzji ta' valur; jistieden lit-Task Force tal-iStratCom tal-Lvant teżamina mill-ġdid il-kriterji użati għall-abbozzar ta' din ir-Rivista;
8. Jemmen li strateġija effiċjenti biex wieħed jiġġieled lill-propaganda ta' kontra l-UE tista' tkun l-adozzjoni ta' miżuri biex tingħata informazzjoni adegwata u interessanti dwar l-attivitajiet tal-UE, il-valuri Ewropej u kwistjonijiet oħra ta' interess pubbliku lil udjenza fil-mira, u jenfasizza li t-teknoloġiji moderni u n-netwerks soċjali jistgħu jintużaw għal dawn l-iskopijiet;
9. Jenfasizza li l-organizzazzjonijiet terroristiċi Iżlamiċi, speċjalment l-ISIS u l-Al-Qaeda, huma involuti f'kampanji ta' diżinformazzjoni attivi bil-għan li jimminaw il-valuri u l-interessi Ewropej; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' strateġija speċifika biex wieħed jiġġieled kontra l-propaganda u d-diżinformazzjoni Iżlamisti kontra l-UE;
10. Jenfasizza li komunikazzjoni mhux ippreġudikata, affidabbli u oġġettiva u flussi ta' informazzjoni bbażati fuq il-fatti dwar l-iżviluppi fil-pajjiżi tal-UE jipprevjenu d-disseminazzjoni tal-propaganda li tiġi mħeġġa minn partijiet terzi;
11. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-pluralità tal-midja u l-oġġettività, l-imparzjalità u l-indipendenza tal-midja fl-Unjoni Ewropea u fil-viċinat tagħha, inklużi l-atturi mhux statali, inter alia permezz ta' appoġġ għall-ġurnalisti u l-iżvilupp ta' programmi ta' bini tal-kapaċità għall-atturi tal-midja, bit-trawwim ta' sħubiji u netwerks ta' skambju ta' informazzjoni, bħalma huma pjattaformi ta' kondiviżjoni tal-kontenut, riċerka relatata mal-midja, opportunitajiet ta' mobbiltà u ta' taħriġ għall-ġurnalisti u kollokamenti ma' entitajiet tal-midja bbażati fl-UE biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-aqwa Prattiki;
12. Jenfasizza r-rwol importanti ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità fil-ġurnaliżmu ġewwa u barra l-UE bil-għan li jiġu prodotti analiżijiet ġurnalistiċi ta' kwalità u standards editorjali għolja; jargumenta li l-promozzjoni tal-valuri Ewropej tal-libertà tal-istampa u tal-espressjoni u tal-pluralità tal-midja tinkludi l-għoti ta' appoġġ lill-ġurnalisti ippersegwitati u li qed jinżammu l-ħabs u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi;
13. Iħeġġeġ kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, il-Fond Ewropew għad-Demokrazija (EED), l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), il-Kunsill tal-Ewropa u l-Istati Membri sabiex tiġi evitata duplikazzjoni u tiġi żgurata s-sinerġija f'inizjattivi simili;

14. Jesprimi kemm hu xxokkjat bil-problemi maġġuri relatati mal-indipendenza u mal-libertà tal-midja f'ċerti Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif ġie rrapportat minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħalma huma r-Reporters Mingħajr Fruntieri; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jadottaw miżuri xierqa bil-għan li jiżguraw li jkun hemm titjib fis-sitwazzjoni eżistenti fis-settur tal-midja, bil-ħsieb li tiġi żgurata wkoll il-kredibbiltà tal-Azzjoni Esterna tal-UE b'appoġġ għal-libertà, l-imparzjalità u l-indipendenza tal-midja;
15. Jenfasizza li huwa meħtieġ aktar finanzjament biex tiġi appoġġjata l-libertà tal-midja fil-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrumenti demokratiċi tal-UE; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-isfruttament sħiħ tal-istrumenti eżistenti bħalma huma l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), il-PEV, l-Osservatorju tal-Libertà tal-Midja tas-Sħubija tal-Lvant u l-EED fir-rigward tal-ħarsien tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja;
16. Jesprimi tħassib dwar l-użu tal-midja soċjali u l-pjattaformi onlajn għal diskors ta' mibegħda kriminali u l-inċitament għall-vjolenza, u jhegġegħ lill-Istati Membri jadattaw u jaġġornaw il-leġiżlazzjoni sabiex tindirizza l-iżviluppi li għaddejjin, jew jimplementaw u jinforzaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar id-diskors ta' mibegħda, kemm offlajn kif ukoll onlajn; jargumenta li tinħtieġ kollaborazzjoni akbar mal-pjattaformi onlajn u mal-kumpaniji ewlenin tal-internet u tal-midja;
17. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu u jiżguraw il-qafas meħtieġ għal ġurnaliżmu ta' kwalità u għal varjetà ta' informazzjoni billi jiġġieldu kontra l-konċentrazzjonijiet tal-midja, li għandhom impatt negattiv fuq il-pluraliżmu tal-midja;
18. Jinnota li l-edukazzjoni fil-midja tipprovdi għarfien u ħiliet, u tagħti s-setgħa liċ-ċittadini biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' espressjoni, biex janalizzaw b'mod kritiku l-kontenut tal-midja u jirreaġixxu għad-diżinformazzjoni; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li titqajjem kuxjenza dwar ir-riskji tad-diżinformazzjoni permezz ta' azzjonijiet ta' litteriżmu medjatiku fil-livelli kollha, inkluż permezz ta' kampanja ta' informazzjoni Ewropea dwar l-etika medjatika, ġurnalistika u editorjali u billi titrawwem kooperazzjoni aħjar mal-pjattaformi soċjali u billi jiġu promossi inizjattivi konġunti biex jiġu indirizzati d-diskors ta' mibegħda, l-inċitament għall-vjolenza u d-diskriminazzjoni onlajn;
19. Jinnota li l-ebda strateġija ta' setgħa ta' persważjoni ma tista' tirnexxi mingħajr id-diplomazija kulturali u l-promozzjoni tad-djalogu interkulturali bejn u fi ħdan il-pajjiżi, fl-UE u lil hinn minnha; jinkoraġġixxi, għaldaqstant, azzjonijiet u inizjattivi diplomatiċi pubbliċi u kulturali fit-tul, bħalma huma boroż ta' studju u programmi ta' skambju għall-istudenti u l-professjonisti żgħażaġh, inklużi inizjattivi biex jingħata appoġġ lid-djalogu interkulturali, jissaħħu r-rabtiet kulturali mal-UE u jiġu promossi r-rabtiet kulturali u l-wirt kulturali komuni, u l-għoti ta' taħriġ adatt għall-persunal tad-delegazzjonijiet tal-UE u tas-SEAE biex iħejjuhom b'ħiliet interkulturali adegwati;
20. Jinsab konvint b'qawwa li, bil-għan li l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiġu promossi b'mod konsistenti, l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea għandha tevita kwalunkwe tip ta' propaganda;
21. Jafferma li strateġija ta' komunikazzjoni effiċjenti għandha tinkludi l-komunitajiet lokali fid-diskussjonijiet dwar l-azzjonijiet tal-UE, tipprovdi l-appoġġ għall-kuntatt personali bejn in-nies, u tagħti kunsiderazzjoni xierqa lill-iskambji kulturali u soċjali bħala l-

pjattaformi ewlenin fil-ġlieda kontra l-preġudizzji tal-popolazzjonijiet lokali; ifakkar li, f'dan ir-rigward, id-delegazzjonijiet tal-UE għandhom iżommu kuntatt dirett mal-partijiet ikkonċernati fil-livell lokali u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili;

22. Jenfasizza li l-inċitament għall-mibegħda, il-vjolenza jew il-gwerra ma jistax "jinħeba" wara l-libertà ta' espressjoni; jinkoraġġixxi li jittieħdu inizjattivi ġuridiċi f'dan ir-rigward biex ikun hemm aktar responsabbiltà fit-trattament tad-diżinformazzjoni;
23. Jenfasizza l-importanza li l-politiki tal-UE jiġu kkomunikati b'mod koerenti effikaċi, kemm internament kif ukoll esternament, u li jiġu pprovduti komunikazzjonijiet imfassla apposta lil reġjuni speċifiċi, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni bil-lingwi lokali; jilqa', f'dan il-kontest, il-varar tas-sit web tas-SEAE bir-Russu bħala l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba u jħeġġeġ li s-sit web tal-SEAE jiġi tradott għal aktar lingwi, bħalma huma l-Għarbi u t-Tork;
24. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-teknoloġiji ġodda – inklużi x-xandir diġitali, il-komunikazzjonijiet mobbli, il-midja onlajn u n-netwerks soċjali onlajn, inklużi dawk ta' natura reġjonali – li jiffaċilitaw it-tixrid ta' informazzjoni dwar il-valuri Ewropej imnaqqxa fit-Trattati u jiffaċilitaw ukoll l-għarfien akbar tagħhom; ifakkar li komunikazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu tal-ogħla standard, jinkludu l-aqwa prattiki konkreti u jenfasizzaw l-impatt tal-UE fuq pajjiżi terzi, inklużi l-assistenza umanitarja tal-UE kif ukoll l-opportunitajiet u l-benefiċċji li l-assoċjazzjoni u l-kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-UE jġibu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, bħalma huma l-ivvjaġġar mingħajr visa jew il-bini tal-kapaċità, programmi ta' mobbiltà u ta' skambju fejn applikabbli;
25. Jesprimi tħassib li l-aħbarijiet relatati mal-UE spiss huma wisq tekniċi, b'tali mod li jrendu l-informazzjoni inkomprensibbli u li ma tiġbidx l-udjenza; jenfasizza l-ħtieġa li l-materjali tal-komunikazzjoni jiġu kkonċentrat fuq is-sustanza u l-kontenut tal-laqgħat politiċi, tal-inizjattivi u tal-proġetti u fuq l-impatt reġjonali sussegwenti tagħhom, permezz ta' metodi ta' disseminazzjoni komprensibbli, innovattivi u kreattivi, u jitlob rieżami u aġġornament kif xieraq tas-siti web rilevanti tal-UE;
26. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-portal il-ġdid tal-PEV – li bħalissa qiegħed jiġi żviluppat fil-qafas tal-Programm tal-Viċinat OPEN – mhux biss jakkumula kontenut indirizzat lill-komunitajiet esperti, iżda li jkun fih ukoll taqsima mfassla apposta għal udjenzi ikbar; huwa tal-opinjoni li l-portal għandu jinkludi taqsima dwar is-Sħubija tal-Lvant, u b'hekk tiġbor flimkien l-informazzjoni dwar l-inizjattivi li bħalissa hija frammentata bejn għadd kbri ta' siti web;
27. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-potenzjal tal-kultura popolari u tal-edukazzjoni fid-divertiment (entertainment education - EE) bħala mezz biex jiġu artikolati l-valuri umani kondiviżi u biex jiġu kkomunikati l-politiki tal-UE.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	21.6.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 3 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Angel Dzhambazki, María Teresa Giménez Barbat, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Stefano Maullu, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Michaela Šojdrová, Yana Toom, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Bogdan Brunon Wenta, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Rosa D'Amato, Santiago Fisas Ayxelà, Eider Gardiazabal Rubial, Zdzisław Krasnodębski, Ernest Maragall, Emma McClarkin, Liliana Rodrigues